MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI
# (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2003

Avviz Numru. 464/2002

Avviz Nru:-464/02DM

Paola Mintoff

Vs

Loreta Ann Galea

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-attrici talbet il-kundanna tal-konvenuta sabiex thallas in linea skond il-ligi li l-attrici garbet konsegwenza ta’ l-incident li sehh fis-7 ta’ Mejju, 2002 fi Triq il-Helsien, Hal Qormi li fih il-konvenuta tajret bil-karrozza numru JAK 674 lill-attrici u kkagunatilha korriment li l-attrici ghadha tbati minnu sad-data tal-avviz.

Wara li l-Qorti tiddikjara li l-konvenuta kienet responsabbli ghall-imsemmi incident tas-7 ta' Mejju 2002 u ghad-danni konsegwenzjali kollha skond il-ligi.

U wara li l-Qorti tillikwida l-imsemmija danni skond il-ligi l-attrici jirrizulta li tkun garbet sal-gurnata tas-sentenza.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta inkluzi l-imghaxijiet sal-gurnata tal-pagament.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Loreta Ann Galea fejn eccepiet illi:

1 It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt billi hija ma kenitx responsabbli ghall-incident li sehh u ghad-danni konsegwenzjali allegati mill-attrici. Kif jirrizulta fil-kors tal-provi, l-incident sehh minhabba l-fatt illi l-istess attrici qasmet it-triq in kwistjoni minghajr ma hadet ebda prekawzjonijiet li wiehed jistenna f'dawk ic-cirkostanzi u tenut kont tal-lokalita u traffiku li jghaddi f'din il-lokalita.

2 Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Li ghalkemm l-attrici ghaddiet ghal dawn il-proceduri u l-kawza giet appuntata ghas-smiegh u ghat-trattazzjoni l-attrici ma dehritx u ma pproducietx provi in sostenn tat-talba taghha u l-unici provi prodotti huma d-deposizzjoni tal-konvenuta illi cahdet l-allegazzjonijiet attrici anzi ddikjarat illi r-responsabbilta' ghall-incident awtomobilistiku kienet esklusivament tal-istess attrici.

Ghaldaqstant tichad it-talba attrici;

Bl-ispejjez kontra l-attrici.

---------------------------------TMIEM---------------------------------